MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 35

**It-Tnejn, 31 ta' Mejju, 2021**

Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Kbira San Ġużepp fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 35.1 Qari tal-ittri t' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri t'apologiji.

## 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

### 35.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tat-33 laqgħa u Minuti tal-34 Laqgħa b'Urġenza ġew approvati unanimament.

## 35.2.2 Korrezzjonijiet

35.2.2.1 - Minuta 33.1.1- il-kelma "indisposti" issir "indisposta"
35.2.2.2 - Minuta 33.2.5 - il-kelma "noforma" issir "nforma"
35.2.2.3 - Minuta 33.5.4 - il-kelma "Binjiwt" issir "Binjiet"
35.2.2.4 - Minuta 33.6.3 - il-kelma "ħaddiema" issir "ħaddiem"

## 35.3 Punti mqajjma mill-minuti

**35.3.1** Minuta 33.3.1 - Is-Sindku informa lill-membri li l-Community Police nfurmaw lill-Kunsill li it-tip tal-scooters elettriċi li l-Kunsll ġab tlett kwotazzjonijiet tqgħhom ma kienux dawn idejali biex jaħdmu bihom. Għaldaqstant huma infurmawna li jridu kunu ta' certu sahha minħabba li dawn ser ikunu uzati regolari. Is-Sindku qal li ġab informazzjoni mill-Kunsill tal-Ħamrun fejn ġie infurmat li l-Kunsill tal-Ħamrun provdilhom scooter wahda skont ir-rekwiżiti li talbu l-Community Police stes.

Is-Sindku qal li hu kellu laqgħa ml-Community Police fejn ġew elenkati dicersi problei li hemm f' Santa Venera. Apparti minhekk is-Sindku nnotifika lill-membri li l-Community Police huma maqsuma mal-Hamrun u li ser ikunu qed jgħtu randikont tax-xogħol li jkun qed isir madwar Santa Venera.

**35.3.2** Minuta 32.2.5 – Is-Sindku informa lill-membri li skont ir-rapport li għamel il-Contracts Manager hemm bzonn li jsir *upgrading* fis-*soft areas* li hemm fi Triq il-Kanun u hmm bżonn ukoll li tiżdied il-ħamrija fil-konok minħbba li uħud mill-pjani qed imutu għaliex qed jinxfu l-gheruq. Wara diskussjoni il-membri qblu ma dak li kien qed jiġi suġġerit mill-Contracts Manager.

**35.2.3** Minuta 33.6.3 - Is-Sindku nforma lill-membri li ġie nfurmat mis-CEO tal-Anzjani li kull meta Memberu tal-Kunsill ikun irid imur fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum wieħed irid iġib l-awtoriżżazjoni mingħand ic-CEO. Is-Sindku qal li kien ser jitkellem mal-Ministru konċernat dwar din il-kwistjoni.

**35.2.4** Minuti 34 - Dott. Darren Carabott staqsa lis-Sindku jekk ienx hemm xi zviluppi fuq il-kmamar li l-Kunsill ser jitulizza minn Umberta Calosso sabiex isiru it-Tutorial Classes minħabba Norwegian Funds. Is-Sindku noforma lill-membri li għadhom għaddejjin d-diskussjonijiet.

.

## 35.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Ma kienx hemm l-ebda kommunikazzjoni mis-Sindku

## 35.5 Rapporti / Korrispondenza

**35.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza dwar Mrs Malta fejn is-Sindjura Kristina Debattista fl-4 ta' Awwissu ser tkun qed tirrapreżenta lil-Santa Venera f'Mrs Malta 2021. Qed jintalab sabiex il-Kunsill jghati sponsor ta' €100. Is-Sindku qal li invista li l-Kunsill ma jistax jgħati sponsor hu kien ser jagħmel dan l-isponsor direttament hu.

**35.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li d-Dipartiment nnotifika lill-Kunsill sabiex tkun imġedda il-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Wara diskussjoni l-membri b'mod unanimu qablu sabiex il-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv tkun estiża. Is-sindku nofrma lid-dEputat Segretarju Eżekuttiv sabiex terga' tinħareġ ukoll is-sejħa għal skirva Skala 13.

**35.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza fuq il-Programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropea dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (*Citizenship, Equality, Rights and Values Programme* - CERV), fejn il-Kunsilli Lokali jistgħu japplikaw għall-Proġetti ta' Ġemellaġġi u Netwerks tal-Ibliet (*Town Twinning u Network of Towns*) hekk kif dawn is-sejħiet issa jinsabu miftuħa.

Proġetti ta' Ġemellaġġi u Netwerks tal-Ibliet *(Town Twinning u Network of Towns)* li jippromwovu skambji bejn nies ta' pajjiżi differenti, biex jissaħħaħ il-ftehim reċiproku u t-tolleranza u tagħtihom l-opportunità li jwessgħu l-perspettiva tagħhom u jiżviluppaw sens ta' identità Ewropea.

Wara diskussjoni is-Sindku talab lis-Sur Gianluca Falzon sabiex jikkordina mas-Servizzi Ewropej f'Malta - SEM għaliex il-Kunsilli Lokali interessati iridu japplikaw sas-26 t'Awwissu 2021.

**35.5.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Ghaqda San Gejtanu sabiex Fl-okkażjoni tat-350 sena mill-Kanonizzazzjoni ta' San Gejtanu, l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu tal-Ħamrun se tkun qed torganzza dramm fuq skala nazzjonali f'Ottubru 2021. Bħala parti mill-promozzjoni tad-dramm, se jkunu qed jiġu maħduma xi promos. Huma qed jitlob lill-Kunsill l-permes biex niffilmajw tlett promos fil-ġnien Romeo Romano. Dawn is-sessjonijiet ta' filming se jdumu madwar sagħtejn u nofs, filwaqt li niftehmu flimkien il-ġranet u l-ħinijiet. Minnaħa tagħna se nkunu qed insegwu l-protokolli kollha maħruġa mill-awtoritajiet tas-saħħa u kif ukoll se nkunu qed nirrispettaw il-post. Ovjament se nkunu qed nagħtu kreditu xieraq lill-kunsill tal-għajnuna tiegħu.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament sakemm ikun hemm l-approvazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa.

**35.5.5** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza fejn ġejna nfurmati li Queen's Baton gejjin Malta bejn il-11 t'Ottubru u l-14 t'Ottubru 2021 fejn dawn ser jagħtu messaġġ mir-Reġina bi preparazzjoni tal-logħob tal-Commonwealth li ser isir fis-sena 2022. Huma qed jitolbu sabiex il-Kunsill jorganizza attivita' fit-12 jew 13 t'Ottubru 2021.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament u s-Sinku talab lis-Sur Kursten Dimech sabiex jikkordina.

**35.5.6** Is-sindku nforma lill-membri li ir-residenti ta' Triq il-Karmelitani għamlu perizzjoni iffirmata mir-residenti sabiex issir traffic calmer fil-viċinanzi taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Wara diskussjoni il-membri qablu ma dak li qed jitolbu r-residenti u ghaldaqstant il-membri qably sabiex il0-Kunsill jinforma lil Tranport Malta.

## 35.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 35.6.1 Kuntratt tala-Knis

Is-Sindku informa lill-membri dwar il-kuntratt tal-knis fejn qal li tkellem mal-Contracts Manager u wara li ġie evalwat il-kuntratt eżistenti ġie innutat li l-Kunsill jista' ma jġeddidx il-kuntratt għas-sena ta' warau b'hekk tinħareġ sejħa immedjata minħabba li l-Kuntrattur mhux qeighed jilħaq l-aspettattivi tal-Kunsill minkejja li l-Kunsill ilu xhur joħroġ default notices. Wara diskussjoni il-Membri qablu sabiex qabel wieħed jieħu deċiżjoni l-aħjar nieħdu parir legali mingħand l-Avukat tal-Kunsill.

### 33.6.2 Ftuħ u Egħluq tal-Ġonna

Is-Sindku nforma lill-membri s-sejħa tal-kuntratt tal-ftuħ u egħluq tal-ġonna wasal biex jiskadi u għaldaqstant hemm bżonn li tinħareġ is-sejħa ta' interess għall-Għaqdiet tal-Lokal sabiex naraw minn hu nteressat. Liema seħja għandha tkun valida għal sentejn Ġie deċiż ukoll li dawk li japplikaw ikollom il-*Voluntary Organisation Number*.

Il-Membri qablu unanimament.

### 33.6.3 Infurzar fuq Tindif

Is-Sindku nforma lill-membri li hemm bżonn li jsir infurzar fuq it-tindif fejn kellu laqgħa ma' Lesa fuq din il-problema għaliex CCTVs mhux jilħqu riżultat meħtieġ. Huwa qal li l-Kunsill irid jagħmel konnessjoni tal-internet u dawn is-CCTV ikunu moitored mil-Lesa stess. Apparti minhekk is-Sindku qal li hemm bżonn li jkun hemm wardens iduru Santa Venera sabiex isir montiteraġġ fiżiku wkoll sabiex din il-problema li jintefa' l-iskart barra kif ġie ġie jitrażżan. Is-Sindku qal li l-ħsieb hu li l-Kunsill jalloka bugit ta' bejn €15k u €20k fis-sena sabiex jitqabbad uffiċċjal mil-Lesa sabiex b'hekk jinqata' dan l-abbuż.

Wara diskussjoni s-Sindku ppropona dan l-infurzar filwaqt lis-Sur Joe Vella ssekonda lis-Sindku u l-kumplament tal-membri qablu unanimament.

### 35.6.4 Sejħa għall-Offerti/EOI - WiFi

Is-Sindku nforma lill-membri li wara li saret diskussjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-fondi li l-Kunsill flimkien ma kunsill oħra ser jingħata sabiex jżdied is-servizz tal-WiFI madwar Santa Venera, id-Dipartiment infurmana li l-Kunsill jista' joħroġ sejħa għall-offerti wara li l-istess sejħa kellha toħroġ mid-Dipartiment stess. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġab kwotazzjoni u technicalities tal-hardware fejn l-access ghal kull hardware ikopri distanza ta' 100m kwadru b'garanzija għal 5 snin fejn kull

hardware jiswa bejn €3k u €5k. Il-Kunsill iridu ukoll jaħseb sabiex ikollu l-konnessjoni tal-internet.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex isie madwar 7 installazzjonijiet kf ġej:

| | |
|---|---|
| Triq il-Kbira San Ġużepp | 3 points |
| Gnien Romeo Romano | 1 point |
| Playground San Gorg Preca | 1 point |
| Playground Guze Flores | 1 point |
| Pjazza Franka | 1 point |

Fit-8:20pm il-Kunsillier Dott. Darren Carabott daħal għall-kumplament tal-laqgħa,

## 35.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati rapporti tal-laqgħat ta' kunitati jew sotto kumitati.

.

## 35.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti ġiet diskussa u approvata. Skeda ta' pagament: Proponent: Gianluca Falzon u Sekondant: Silvio Vella

## 35.9 Ilmenti

**35.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 341 sa 447.

| | |
|---|---|
| 341 | Tintalab dikjarazzjonni mis-sid |
| 342 | Contracts Manager |
| 350 | Bħal ilment 348 |
| 353 | Work Order |
| 358 | Naraw min huwa s-sid |
| 361 | Grima & Sons |
| 363 | Ser ikun hemm traffic management gdid |
| 364 | Contracts Manager |
| 367 | Niktbu lil TM - speed limit ta 60km/hr |
| 375 | Transport Malta |
| 380 | Ittieħdet Azzjoni |
| 389 | Ħaddiema Assejnjati |
| 390 | Contracts Manager |
| 395 | Infrastructure Malta |
| 396 | Contracts Manager |
| 398 | Tkun diskussa wara li jsir il-garaxx |
| 402 | Diga hemm waħda |
| 403 | Ma tistax issir |
| 408 | 1. Ħaddiema Assenjati<br>2. Work Order |
| 409 | Mica Med |

| | |
|---|---|
| 410 | Contracts Manager |
| 414 | Grima & Sons Ltd |
| 417 | Contract Manager |
| 420 | Ħaddiema Assenjati |
| 427 | Ħaddiema Assenjati |
| 434 | Ħaddiema Assenjati |
| 435 | Ħaddiema Assenjati |
| 436 | Work Order |
| 437 | Work Order |
| 438 | Transport Malta |
| 439 | Transport Malta |
| 441 | Tkun diskussa ma' Transport Malta |
| 442 | Contracts Manager |
| 447 | Work Order |
| 457 | Ninfurmaw lill-kuntrattur li neħħieha |
| 458 | TM |

## Ilmenti Laqgħat preċedenti

| | |
|---|---|
| 210 | Tinbidel |
| 231 | Ma tistax issir għax tiġi quddiem bibien tar-Residenti |
| 250 | Din irrid jitqabbad Perit |
| 251 | Kollox l-istess |

## 35.10 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

35.10.1 Is-Sur Joe Vella staqsa dwar it-talba li kienet saret sabiex studenti ta' St.Elias College jagħmlu xogħol volontarju fil-Ġnien Romeo Romano

Is-Sindku qal li skont l-aħħar korrispondenza skambjata kienet bejn Dott. Carabott u Stefania Calleja fit-3 ta' Marzu 2021, fejn l-istess Kunsillier talabha sabiex jiltaqgħu b'permezz ta' laqgħa virtwali. Minn dakinhar, ma kellniex aktar informazzjoni.

35.10.2 Is-Sur Joe Vella staqsa fuq il-laqgħa tal-Kunsill tal-11 ta' Jannar 2021, il-Kunsill ġie nfurmat li l-Gvern ħareġ skema ta' restawr u li kien iddeċieda li jsir restawr fuq l-Akkwadott, jista s-Sindku jinforma jekk kienx hemm xi progress fuq l-applikazzjoni tagħna.

Is-Sindku nfurmah li l-applikazzjoni in kwistjoni kienet intbgħatet lid-Direttorat tal-Gvern Lokali fit-12 ta' Frar 2021

35.10.3 Is-Sur Joe Vella - Peress li kien gie deċiż sabiex issir grada fit-taraġ ta' Triq il-Parilja li tgħati għall-Wied ta' l-Imsida, jista s-Sindku jinforma jekk din il-grada saritx?

Is-Sindku nofrmah li fis-27 t'April 2021 kienet inħarġet Purchase Order lil The iron Factory. Jidher li s'issa x-xogħol lien għadu ma ġiex esegwit.

35.10.4 Is-Sur Joe Vella - Peress li kien gie deċiż minn dan il-Kunsill sabiex tinħareġ sejħa u jsir investiment f'Websajt sabiex ikollna Social Media adekwata sabiex inkunu aktar vicin in-nies, jista s-Sindku jinforma f"hiex wasalna.

Is-Sindku wieġeg li kien għadu prematur li jindika meta ser isir dan ix-xogħol in vista li qabel irid isir ingaġġ ta' Ġrocurement/Tender Officer li eventwalmenti jkun hli jikkordinaw.

35.10.5 Is-Sur Joe Vella - Peress li ilu jingħad li hemm bżonn ta' aġġornament fir-regolamemti ta' l-unur Ġieħ Sta.Venera jaħsibx li wasal iż-żmien sabiex dan l-aġġornament jibda jiġi diskuss minn kummissjoni apposta sabiex ikun lest sa Settembru li ġej meta jiftħu n-nomini.

Is-Sindku qal li d-deċiżjoni tal-Kunsil Lokali kienet li għandna niltaqgħu mal-għaqdiet b'mod individwali sabiex nisimgħu l-veduti tagħhom liema laqgħat għadhom ma skattawx minħabba l-problema tal-pandemija.

## 35.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fl-9.30 pm u ġiet aġġornata għall-5 ta' Lulju 2021, fis-6.30pm

| | |
|---|---|
| Stephen Sultana | Michael Mifsud |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati llum 5 ta' Lulju, 2021